**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 274/2020

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Ahmad Yassine**

Illum 25 ta' Frar, 2021

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Ahmad Yassine, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 241807L quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli ghax-xhur minn Gunju 2019 s'Awwissu 2019 fil-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9, Artikolu 18) naqas milli jaghti lil Manar Yassine is-somma ta'

€250, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma (Kap 9, Artikolu 338(z)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Dicembru, 2020 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w kkundannatu ghal xaghrejn (2) prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ahmad Yassine, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2020, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-esponenti hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u (2) tvarja l-piena imposta ghal wahda iktar ekwa u gusta ghal kaz odjern;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena kominata fil-konfront tal-appellant bil-gravam illi din mhix wahda ekwa u gusta ghal-kaz in kwistjoni. L-appellant iressaq l-argument

singolari li huwa jinsab ghaddej minn zmien difficli f'hajtu ghaliex jinsab il-habs bil-konsegwenza illi ma jistax ihallas il-manteniment minnu dovut. In effetti ghalhekk l-appellant ma huwiex qed jikkontesta l-imputazzjoni u lanqas is-sejbien ta' htija in rigward u b'hekk huwa jirrikonoxxi illi ghandu jhallas il-manteniment ghax-xhur indikati fil-komparixxi. Dak li qieghed jikkontesta l-appellant allura hija l-piena ta' prigunerija ghaliex din qed tinibieh milli jahdem sabiex ikun jista' jonora l-obbligi tieghu;

2. Illi konsiderata l-gurisprudenza kompjuza f'kawzi simili, l-maggior parti taghhom huma nklinati ghal-konferma tad-decizzjoni tal-ewwel Qorti meta tikkomina piena ta' prigunerija. Ir-*ratio* ta' dawn is-sentenzi jista' jinghad li hu radikat minn zewg aspetti. L-ewwel wiehed hu li din il-Qorti bhala wahda revizorja kemm jista' jkun ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fejn si tratta tal-piena erogata. It-tieni wiehed jirrigwarda l-hsieb tal-legislatur fil-promulgazzjoni tal-artikolu rilevanti tal-ligi, l-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali, jigfieri li johloq pressjoni fuq min hu obligat b'ordni tal-Qorti jew b'kuntratt, li jhallas manteniment ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti;

3. L-appellant jaf tajjeb dan tant illi minn ezami tal-fedina penali tieghu kien inkarcerat diversi drabi kawza konsegwenza tal-mankanza tieghu li jhallas il-manteniment minnu dovut. Mill-istess fedina jirrizulta ukoll li l-appellant kien misjub hati u nkarcerat minhabba molestja fil-konfront ta' martu. Konsegwenza ta' dan l-imputat jinsab f'qaghda li

ma jistax jahdem bil-konsegwenza li ma jistax ihallas il-manteniment;

4. Lura ghall-gurisprudenza, mill-ottika tal-insenjament hemm emergenti, dan l-appell ftit jekk xejn jista' jsib akkoljiment pero' kif kostantement ritenut minn din il-Qorti, kull kaz ghandu jkun trattat u deciz fuq il-fatti speci tieghu. Fil-kaz in disamina, l-appellant inqabad f'dan ic-cirku vizzjuz li ma jistax johrog minnu ghaliex la darba hu nkarcerat ma jistax jahdem u b'hekk qed ikun moruz fil-hlas tal-manteniment xahar wara l-iehor u nell-frattemp jergghu jilhqu mieghu pieni ohra ta' karcerazzjoni;

5. In vista' ta' dan, jekk din il-Qorti ma tiprovdix l-opportunita' li l-imputat jevita l-inkarcerazzjoni f'din l-okkazzjoni, il-problema ta' morozita' tibqa' tikber u naturalment tonqos il-possibilita' li dan b'xi mod jibda jonora l-l-obbligu tieghu fil-hlas tal-manteniment ta' uliedu. Konxja tal-fatt illi dak li l-imputat huwa obligat ihallas per via ta' manteniment huwa xorta wahda obligat li jhallsu u rikuprabbli bi proceduri civili anke jekk dwaru jkun misjub hati u nkarcerat, l-Qorti qed tilqa' l-appell bil-hsieb li tohloq tieqa fejn l-appellant jista' johrog minn dan ir-cirku;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn (2) prigunerija u minflok qed tilliberah

bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

7. Il-Qorti ssoktat biex tispjega l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza;